**28 ta' Lulju, 1992**

**Imħallef: –**

**Onor. Victor Caruana Colombo LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

John Azzopardi

## Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi

*Id-disposizzjoni ta' l-artikolu 22E tal-Kap. 101 hi intiża għall-każ fejn il-mediċina esibita tkun ta' kwantità jew daqs konsiderevoli b'mod li ma tkunx ħaġa prattika, jew ikun perikoluż, li tibqa' esibita kollha għaż-żmien kollu tal-proċeduri.*

Il-Qorti: –

Rat l-akkużi miġjuba kontra l-imsemmi John Azzopardi talli f'dawn il-Gżejjer fl-4 ta' Jannar, 1990 u matul l-aħħar sitt xhur qabel l-4 ta' Jannar, 1990:

(1) Kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha bi ksur ta' l-artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

(2) Biegħ jew xort'oħra ttraffika fil-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha bi ksur ta' l-artikolu 8(e) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

(3) Saq karozza meta ma kellux liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u ma kienx kopert b'Polza tas-Sigurtà dwar riskji għat-terzi persuni;

u talli huwa riċediv billi kien instab ħati ta' reati simili b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tas-16 ta' Marzu 1989;

Rat is-sentenza tal-21 ta' Novembru 1991 tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta);

*Omissis;*

Rat ir-rikors ta' l-appell li bih l-imputat talab ir-revoka ta' dik is-sentenza u l-liberazzjoni tiegħu minn kull imputazzjoni;

Rat l-atti l-oħrajn u kkunsidrat illi:

1. L-aggravju ta' l-appellant l-ewwel nett huwa n-nullità tal-proċess għaliex ma ġiex segwit id-dispost ta' l-artikolu 22E tal-Kapitolu 101. Issottometta li ma saret ebda prova li dak li ġie misjub għand Joseph Schembri, u li allegatament kien ġie kkonsenjat lilu mill-appellant, kienet ħaxixa;

2. L-artikolu msemmi jiddisponi li malli jibda l-proċediment in konnessjoni ma' mediċini perikolużi, il-mediċina oġġett tal-proċediment għandha tiġi esibita materjalment fil-Qorti, jiġi nnominat fotografu biex joħdilha ritratti fir-reċipjenti li tkun fihom, u jiġi nnominat perit biex janalizzaha u jistabilixxi l-kwantità, ix-xorta u l-forma tagħha, jiddeskriviha u jieħu kampjuni tagħha biex jinżammu bħala prova. Dan il-perit għandu kemm jista' jkun malajr jagħmel rapport tal-konklużjonijiet tiegħu, u jaħilfu. Imbagħad il-Qorti, wara li tkun

sodisfatta bir-rapport, tordna d-distruzzjoni tal-mediċina, u tagħmel proċess verbal;

3. Mill-proċess jirriżulta li l-ħaxixa oġġett tal-preżenti kawża, ġiet esibita fl-24 ta' Ottubru 1990, fl-ewwel seduta li fiha bdew jiġu mismugħin il-provi. Dak inhar stess ġie nnominat Dottor Anthony Abela Medici, bħala espert biex jeżamina dik il-ħaxixa u dokumenti oħra, u jirrelata. L-espert irtira d-dokumenti mill-awla fil-5 ta' Novembru, 1990 u wara li għamel l-eżamijiet neċessarji, irritornahom fl-awla fit-22 ta' Novembru, 1990 flimkien mar-relazzjoni, li ħalifha dakinhar stess. Ma ġewx meħuda fotografiji tal-ħaxixa u l-anqas ma ġiet ordnata d-distruzzjoni tagħha mill-ewwel Qorti, ħlief fis-sentenza appellata. Di fatti jidher ċar li d-disposizzjoni ta' l-artikolu 22E hija ntiża għall-każ fejn il-mediċina esibita tkun ta' kwantità jew daqs konsiderevoli b'mod li ma tkunx ħaġa prattika, jew ikun perikoluż li tibqa' esibita fil-kwantità u fid-daqs tagħha kollha matul iż-żmien kollu tal-proċeduri. Fil-każ preżenti l-ħaxixa esibita hija ta' kwantità minima tant li għadha tinsab esibita fil-Qorti. Ma kienx hemm il-ħtieġa tal-proċedura suġġerita fl-artikolu 22E(4)(5)(6) Kap. 101;

4. Il-prova li l-materjal misjub għand l-imputat kien ħaxixa tal-*cannabis* saret sodisfaċentement permess ta' l-espert Dottor Anthony Abela Medici. Dan ġie nnominat mill-ewwel Qorti fil-preżenza ta' l-appellant, li ma oġġezzjonax għal dik in-nomina la dak inhar tad-digriet relattiv u l-anqas wara, ħlief fir-rikors ta' l-appell;

*Omissis;*

Għalhekk tiċħad l-appell, u tikkonferma s-sentenza appellata

b'dan li l-pagament ta' l-ewwel rata ta' ħamsin lira (Lm50) għandu jsir fl-ewwel ta' Settembru 1992 u tar-rati mensili l-oħrajn fl-ewwel jum tax-xogħol ta' kull xahar ta' wara.